



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 192/22

Il-Lussemburgu, it-30 ta' Novembru 2022

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-101/18 | L-Awstrija vs Il-Kummissjoni

### **Kostruzzjoni ta' reatturi nukleari ġodda: il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors ippreżentat mill-Awstrija li jikkontesta l-għajjnuna għall-investment Ungeriża approvata mill-Kummissjoni**

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2017<sup>1</sup> (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni kkontestata”), il-Kummissjoni Ewropea approvat l-għajjnuna għall-investment ikkomunikata mill-Ungerija favur l-impriża tal-Istat MVM Paks II Nuclear Power Plant Development Private Company Limited by Shares (iktar 'il quddiem il-“kumpannija Paks II”), dwar l-operat ta' żewġ reatturi nukleari li qegħdin jinbnew fis-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Paks li għandhom gradwalment jissostitwixxu l-erba' reatturi nukleari diġà operati f'dan is-sit.

Din l-għajjnuna għall-investment (iktar 'il quddiem l-“għajjnuna inkwistjoni”), li tikkonsisti, essenzjalment, fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-kumpannija Paks II, mingħajr flus, ta' reatturi nukleari ġodda għall-finijiet tal-operat tagħhom, hija fil-parti l-kbira ffinanzjata minn self fil-forma ta' faċilità ta' kreditu rinnovabbli ta' EUR 10 biljun mogħtija mill-Federazzjoni Russa lill-Ungerija fil-kuntest ta' ftehim intergovernattiv dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-użu paċifiku tal-enerġija nukleari. Skont dan il-ftehim, il-kostruzzjoni ta' reatturi ġodda għet fdata, permezz ta' għoti dirett, lill-kumpannija Nizhny Novgorod Engineering Company Atomenergoproekt (iktar 'il quddiem “JSC NIAEP”).

Fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddikjarat l-għajjnuna inkwistjoni kompatibbli mas-suq intern taħt kundizzjonijiet, skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Skont din id-dispożizzjoni, l-għajjnuna intiża li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern, sakemm din ma tibdilix il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jmur kontra l-interess komuni.

L-Awstrija ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

#### **Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali**

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv ibbażat fuq l-illegalità tad-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni ddikjarat l-għajjnuna inkwistjoni kompatibbli mas-suq intern minkejja l-fatt li l-għoti dirett lill-kumpannija JSC NIAEP tal-kuntratt ta' kostruzzjoni tar-reatturi nukleari ġodda jikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-Unjoni li jirregolaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

F'dan ir-rigward, l-Awstrija sostniet b'mod partikolari li, peress li l-għoti tal-kuntratt ta' kostruzzjoni ta' reatturi ġodda kien modalità inseparabbli mill-għajjnuna inkwistjoni, il-Kummissjoni kienet obligata teżamina dan ukoll fid-dawl

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2112 tas-6 ta' Marzu 2017 dwar il-miżura/l-iskema ta' għajjnuna/l-għajjnuna mill-Istat SA.38454 - 2015/C (ex 2015/N) li l-Ungerija qiegħda tippjana li timplimenta biex tappoġġja l-iżvilupp ta' żewġ reatturi nukleari ġodda fl-impjant tal-enerġija nukleari Paks II (ĠU 2017, L 317, p. 45).

tar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Fil-fehma tagħha, jirriżulta, barra minn hekk, mis-sentenza L-Awstrija vs Il-Kummissjoni<sup>2</sup> li l-Kummissjoni kellha tevalwa l-għajnuna inkwistjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-għoti tal-kuntratt ta' kostruzzjoni kienx jikkostitwixxi modalità inseparabbli minn din l-għajnuna.

Il-Qorti Ġenerali tiċħad, l-ewwel nett, l-argument tar-Repubblika tal-Awstrija bbażat fuq is-sentenza L-Awstrija vs Il-Kummissjoni. Filwaqt li minn din tal-aħħar jirriżulta li l-attività ekonomika promossa mill-għajnuna għandha tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, ebda ksur tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-attività sostnuta, jiġifieri l-produzzjoni tal-enerġija nukleari, ma għie invokat mir-Repubblika tal-Awstrija fil-każ ineżami. Barra minn hekk, minn dik is-sentenza ma jirriżultax li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni testendi l-portata tal-kontroll li għandha l-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedura intiża li tivverifika l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat mas-suq intern, billi tabbanduna l-ġurisprudenza tagħha li tipprovdi li kellha ssir distinzjoni bejn il-modalitajiet li għandhom rabta inseparabbli mal-għan tal-għajnuna u dawk li ma kellhomx tali rabta.

Barra minn hekk, ir-rikonoxximent, fil-kuntest ta' proċedura intiża li tivverifika l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat mas-suq intern, ta' obbligu tal-Kummissjoni li tiegħu pożizzjoni b'mod definittiv fuq l-eżistenza jew l-assenza ta' ksur ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni distinti minn dawk relatati mal-għajnuna mill-Istat, tkun xi tkun ir-rabta bejn il-modalità ta' għajnuna u l-għan ta' din l-għajnuna, imur kontra, minn naħa, ir-regoli u l-garanziji proċedurali li huma speċifiċi għall-proċeduri speċifikament previsti għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' awtonomija tal-proċeduri amministrattivi u tar-rimedji ġudizzjarji.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tqis, sussegwentement, li d-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt ta' kostruzzjoni ta' żewġ reatturi ġodda, li kienet tippreċedi l-miżura ta' għajnuna inkwistjoni, ma tikkostitwixxi modalità inseparabbli mill-għan ta' din l-għajnuna. It-tmexxija ta' proċedura tal-għoti ta' kuntratt pubbliku u l-eventwali użu ta' impriża oħra għall-kostruzzjoni tar-reatturi ma jibdlu la l-għan tal-għajnuna, jiġifieri t-tqegħid għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas ta' żewġ reatturi ġodda għall-finijiet tal-użu tagħhom, lanqas il-benefiċjarju tal-għajnuna, li hija l-kumpannija Paks II. Iktar minn hekk, jekk jitqies li proċedura ta' sejħa għal offerti kellha effett fuq l-ammont tal-għajnuna, fatt li r-Repubblika tal-Awstrija ma wrietx, tali fatt waħdu ma kien ikollu ebda effett fuq il-vantaġġ li l-imsemmija għajnuna kienet tikkostitwixxi għall-benefiċjarju tagħha, jiġifieri t-tqegħid għad-dispożizzjoni tiegħu mingħajr ħlas ta' żewġ reatturi ġodda bil-ħsieb li dawn jiġu operati.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika tal-Awstrija, il-Kummissjoni kellha raġun tirreferi, fid-Deċiżjoni kkontestata, għall-evalwazzjoni tagħha mwettqa fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu preċedenti, li fiha hija kienet ikkonkludiet li l-għoti dirett tal-kostruzzjoni taż-żewġ reatturi lill-kumpannija JSC NIAEP ma kienx jikser id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Fil-fatt, il-prinċipju ta' ċertezza legali jeskludi li l-Kummissjoni tista' teżamina mill-ġdid l-għoti tal-kuntratt ta' kostruzzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' għajnuna mill-Istat fl-assenza ta' informazzjoni ġdida meta mqabbla mal-mument li fih hija ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motivi bbażati fuq l-eżistenza ta' distorsjonijiet sproporzjonati tal-kompetizzjoni u ta' inugwaljanzi fit-trattament li jwasslu għall-esklużjoni tal-produtturi ta' enerġija rinnovabbli mis-suq intern liberalizzat tal-elettriku. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li l-Istati Membri huma liberi li jiddeterminaw il-kompożizzjoni tat-taħlitiet tal-enerġija tagħhom u li l-Kummissjoni ma tistax teżiġi li l-finanzjamenti tal-Istat ikunu allokatu għas-sorsi ta' enerġija alternattivi.

Fit-tielet lok, wara li tiċħad il-motiv ibbażat fuq it-tiżiż jew il-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti fis-suq, il-Qorti Ġenerali tiċħad ukoll il-motiv ibbażat fuq ir-riskju għal-likwidità tas-suq bl-ingrossa tal-elettriku Ungeriż.

---

<sup>2</sup> Sentenza tat-22 ta' Settembru 2020, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, [C-594/18 P](#) (ara wkoll [Stqarrija għall-Istampa Nru 112/20](#)).

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

**NOTA:** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

